

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE****Nru 17/2008****ta' l-1 ta' Frar 2008****li temenda l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XXI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 170/2007 tas-7 ta' Diċembru 2007 <sup>(1)</sup>.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 716/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-istatistika tal-Komunità fuq l-istruttura u l-attività ta' l-affiljati barranin <sup>(2)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (3) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej għandu jiġi mdaħħal wara l-punt 19w (Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 701/2006) fl-Anness XXI għall-Ftehim:

"19x. **32007 R 0716:** Ir-Regolament (KE) Nru 716/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-istatistika tal-Komunità fuq l-istruttura u l-attività ta' l-affiljati barranin (ĠU L 171, 29.6.2007, p. 17).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Dan ir-Regolament m'għandux ikun applikabbli għal-Liechtenstein."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 716/2007 fil-lingwa Iżlandiża u l-lingwa Noreġiża, li se jiġu pubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, se jkunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-2 ta' Frar 2008, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE <sup>(\*)</sup>.

<sup>(1)</sup> ĠU L 124, 8.5.2008, p. 38.

<sup>(2)</sup> ĠU L 171, 29.6.2007, p. 17.

<sup>(\*)</sup> Ebda obbligi kostituzzjonali m'huma indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fis-Sezzjoni ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE ta', il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, 1 ta' Frar 2008.

*Għall-Kumitat Konġunt ŻEE*  
*Il-President*  
Alan SEATTER

---